Nru. 700

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' L-Iżvilupp

L-Awtorità ta' l-Ippjanar iddeċidiet li s-sit li ġej, jiġifieri:–

Fdalijiet Arkeoloġiċi
Borġ Il-Għarib, Għajnsielem,
Għawdex

(ara l-pjanta f'paġna 7410) jista' jkun ta' valur arkeoloġiku hekk li għandu jkun inkluż fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' 1-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorita' hija wkoll tal-fehma li s-sit imsemmi jinsab fil-periklu li jiġi demolit, danneġġat jew distrutt.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tas-sit imsemmi hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Is-sit f'Borg il-Għarib, Għajnsielem (skond il-pjanta f'paġna 7410) huwa kkunsidrat bħala sit arkeoloġiku ta' Klassi A, skond *policies ARC* 1, 2 u 3 tal-Pjan ta' Struttura, minħabba l-valuri arkeoloġiċi tiegħu.

(ii) Ma jistgħux isiru xogħlijiet jew alterazzjonijiet f'distanza minima ta' 100 metru tas-sit ta' Borg il-Għarib.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq is-sit imsemmi, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk is-sit jiġi demolit jew mibdul bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċità s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

ld-29 ta' Ottubru, 1996

No. 700

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

The Planning Authority believes that the following site, namely:–

Archaeological Remains
Borġ l-Għarib, Għajnsielem,
Gozo

(see site plan on page 7410) could be of archaeological and historical significance such that it should be considered as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the site is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The site at Borġ l-Għarib, Għajnsielem (as per site plan on page 7410) is to be considered as a Class A archaeological site as per Structure Plan Policies ARC 1, 2 and 3 by virtue of its archaeological significance.


(ii) No alterations or development will be permitted within a minimum of 100metres of the Borġ il-Għarib site.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above mentioned area, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

This Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the site is demolished or altered in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

29th October, 1996



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E35379, N87477 Max E358011, N879421

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Ref No. :- GF 0493/96

BORG IL-GHARIB, GHAJNSIELEM

ARCHAEOLOGICAL REMAINS

100m BUFFER ZONE

Form No. :- MU003